**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 52 – 19 ta' Ġunju 2023**
Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2023 fl-4:00pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**52.1 Talba**

52.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

52.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**52.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

52.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.4.1 Is-Sindku għamel referenza għall-komunikazzjoni li rċieva dwar organizazzjoni ta' Korsijiet tal-Crafts f'Għajnsielem għal tfal ta' bejn il-5 u 7 snin u minn 8 snin 'l fuq. Is-sessions ġew offruti li jsiru fil-premissi tal-organizzatur. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza dan il-kors u jħallas hu l-ispejjes tiegħu u jkun bla hlas għat-tfal li jattendu.

52.4.2 Is-Sindku ġie kkuntatjat minn residenta fi Triq il-Ġnien, sabiex peress li fit-Tnejn tal-Festa jgħaddi l-marċ minn din it-triq huma ħadu l-inizjattiva li ser jzejnu t-triq kollha bid-dawl. Huma talbu l-għajnuna tal-Kusill fix-xiri ta' 1500 bozza. Il-Kunsill ra lil-ispiza

ser tkun kbira u għalhekk sar qbil li għandna ngħinu f'ammont ferm anqas u għandna niċċekjaw mal-Għaqda tal-Armar dwar xiri ta' dwal.

52.4.3 Is-Sindku għamel referenza għall-email mibgħuta mill-Museum Għajnsielem għal xi għajnuna f'attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'dak kollu li jkollhom bżonn għal ġid ta' ulied Għajnsielem.

52.4.4 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-attivita' li ser itellgħu tal-Football u talbuna sabiex ngħinuhom fil-PA System u proviżżjoni ta' flood lights.

52.4.5 Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba li għamlitilna l-kap tal-iskola primarja jekk nistgħu ngħinu fir-servizz ta' fotografija waqt il-gradwazzjoni tal-Kinder. Il-kunsill qabel li għandu jqabbad fotografu.

52.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-kwistjoni tal-Belvedere Ħamri fejn il-Planning Authority infurzat lil tal-Grand jagħlaq it-twieqi. Minn naħa tal-Lands qalulna li l-għalqa hija tal-gvern u tinsab b'kera. Il-Kunsill se jkun qed jiċċekja lil min hi mikrija l-art.

52.4.7 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li mill-iskema tal-attivitajiet ħadna €18,000 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu għal fatt li l-għotja hija limitata ħafna għal kobor tal-attivitajiet li nagħmlu u dan qed jirrestinġina milli nkabbru l-attivitajiet u għalhekk din is-sena rridu nkunu restritti ħafna fl-infieq tagħna għal Milied u Bethlehem f'Għajnsielem.

**52.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

52.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca ġibed l-attenzjoni li jinħtieġ li ninsitu fuq l-importanza tal- qtugħ ta' ħaxix għax hawn xi żoni fejn reġgħa kiber.

52.5.2 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex issir rampa żgħira ħdejn l- Arka.

52.5.3 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għal talba li daħlitlu dwar il-possibilita' ta' aktar bankijiet fix-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku wieġeb li minkejja li l-intenzjoni ta' dawn il-bankijiet kienet waħda pożittiva biex jinħoloq post fejn xi anzjan/a jistrieħ ftit, qed nirċievu rapporti li qed jiġu kkapparati minn xi uħud minn kmieni filgħodu. Sar qbil li nippruvaw inniżżlu xi żewġ bankijiet oħra iżda ma nistgħux nimlew ix-xtajta kollha bankijiet.

52.5.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba stqarr li qed jieħu hsieb jgħaqqad il-kumitat tal-boċċi biex eventwalment flimkien mal-Każin tal-Banda u l-Kunsill ngħinuhom biex jiġi identifikat sit biex ikunu jistgħu jipprattikaw dan l-isports.

52.5.5 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex isiru double yellow lines maġenb garage fi Triq Sant'Antnin. Sar qbil li peress li hija triq arterja għandna nitolbu l-permess ta' Transport Malta.

52.5.6 Il-Vici Sindku Franco Ciangura għamel referenza għat-training fiżiku li ser tkun qed tagħmel il-Forzi Armata ta' Malta f' Ta' Passi. Il-Kunsill u l-armata ser ikunu qed

jaħdmu flimkien. Huwa spjega kif f'Settembru lesti li jagħmlu sezzjoni oħra u lesti li jagħmlu xi xogħol ukoll.

52.5.7 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex issir manutenzjoni f'bankina wara l-Knisja.

52.5.8 Il-Viċi Sindku staqsa wkoll jekk din is-sena l-Kunsill hux bi ħsiebu jipparteċipa f'Tolfarte. Is-Sindku wieġbu li minħabba x-xogħolijiet u ħafna mpenji li għandna ma nistgħux nkunu preżenti. Huwa esprima wkoll id-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' kollaborazzjoni minn naħa tagħhom biex jipprovdulna ġebla simbolika għal Pjazza Tolfa meta offrejnilhom li nieħdu ħsieb l-organizazzjoni tat-trasport mill-bidu sa l-aħħar.

52.5.9 Il-Viċi Sindu Franco Ciangura staqsa fejn wasal il-proċess tal-Proġett Ta' Passi. Is-Sindku wieġbu li l-pjanti u informazzjoni inbgħatet lill-Ministru Zrinzo ftit tal-ġimgħat qabel u qed nistennew risposta lura dwar kif nipproċedu.

## 52.6 Update dwar il-Vakanza ta' Assistent Prinċipal

52.6.1 Is-Sindku avża li wara li nħarget l-internal call fi ħdan il-Kunsilli Lokali ħadd ma applika. Huwa spjega li bdejna l-proċess mal-Jobsplus. Sadanittant peress li dan il-proċess issa ser jieħu fit-tul u minħabba l-load kbir ta' xogħol huwa propona li għandna nqabbdu lil xi ħadd li joffri servizz ta' skrivan/receptionist b'servizz t'emerġenza.

## 52.7 Proġett 'Project Green'

52.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgha li huwa fliimkien mal-Perit u s-Segretarju Eżekuttv kellu ma' Project Green fejn ġew diskussi xi tibdiliet fil-proġett. Huwa spjega li Project Green ma jnaqqsu mill-aktar possibli tapiti tar-rubber u lanqas passaġġi ta' pavimentar fil-proġett tal-Playing Field. Huma insistew fuq mulching u li l-passaggi ikun tal-gravel. Sar qbil li minħabba s-sensittivita tat-Tender Documents, il-Perit jinħtieġ li jkun assistit minn xi Inginier tekniku. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Inginier Simon Mizzi biex jassisti lill-Perit fuq it-tender drafting tal-proġett kif ukoll lil Joseph Bonello fuq landscaping. Is-Sindku spjega wkoll li mil-laqgħa ħareġ li Project Green lesti wkoll li jiffinanzjaw 10 years maintenance agreement.

## 52.8 Attivitajiet Iljieli Sajfin

52.8.1 Il-Kunsill ddiskuta l-programm ta' attivitajiet li ser ikun jinkludi fost oħrajn bands, Cocomelon Night, attivitajiet sportivi, 70/80s night, u bosta attivitajiet oħra. Sar qbil li x'ħin jiġu kkonfermati l-attivitajet għandu jinħareġ il-kalendarju ta' attivitajiet.

## 52.9 Update Proġetti

52.9.1 **Ghajnsielem Learning Garden** - Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Proġett tal-Playing Field Gudja wasal fi tmiemu u jrid jiġi nawgurat. Sar qbil li għandna nagħmlu attivita' sabiħa u nistiednu l-pubbliku u nagħmlu riċeviment tal-okkażżjoni. Id-data tal-

inawgurazzjoni kkonfermata mis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli u l-Ministru Clint Camilleri huwa l-Ġimgħa 28 ta' Lulju 2023 fis-7:30pm. .

52.9.2 **Daħlet l-Għama** - Is-Sindku rrefera wkoll b'sodisfazzjon għall-proġett ta' Daħlet l-Għama li sar fi ftit jiem u sar xogħol tajjeb. Fl-istess inħawi kien hemm bżonn patching u l-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur itina stima kemm meħtieġ konkos inkluż għal parti ta' triq qrib – Triq Għar ix-Xiħ fejn parti żgħira ta' ftit metri tat-triq ċeda l-konkos.

52.9.3 **Belveder Qigħan** - Ix-xogħol fuq il-Belvedere tal-Qigħan beda jitwaħħal il-madum u jinħtieġ li jinxtara l-palm.

52.9.4 **Amppa u Corallo** - Is-Sindku rrefera għall-Attivita' Amppa tal-boat trips edukattivi għall-istudenti bħala attivatijiet li rnexxew ħafna u ntlaqgħu b'sodisfazzjon. Il-Kunsill qabel li boat trips oħra edukattivi għandhom jiġu organizzati għall-pubbliku taħt il-proġett Corallo f'Awwissu u bidu ta' Settembru. Sar qbil li għandna naqsmuhom f'sitt sezzjonijiet f'dawn il-ġranet: 2 u 3 t'Awissu, 29 u 30t'Awwissu u 5 u 6 ta' Settembru 2023.

52.9.5 **Amppa** - Sar qbil ukoll li taħt il–proġett Amppa għall-attivita nformattiva tal-anzjani għandna norganizzaw żewġ get togethers li tinkludi tombola sabiex tattira lil anzjani u sessjonijiet informattivi nhar is 27 ta' Lulju u nhar il-10 t'Awwissu fi Pjazza Indipendenza. Sar qbil li għandna noħorġu stima għal snacks għal waqt l-attivita'.

52.9.6 **Pjazza Tolfa** - Il-proġett jinsab kważi lest u qed nistenna l-aħħar xogħolijiet biex ukoll tkun tista ssir l-inawgurazzjoni tiegħu.

52.9.7 **Proġett tal-Latrina** - Il-proġett miexi wkoll u nqala l- arblu tad-dawl biex ikun jista jinfetaħ il-bieb.

52.9.8 **Proġett tal-Librerija u Marine Interpretation Centre** - Ix-xogħolijiet fil-Librerija u l-Marine Interpretation Centre miexi wkoll. Inħarrġu t-tenders tal-Totem u Interactive Panels u tal-għamara u jiġu evalwati appena jagħlqu biex jimxu x-xogħolijiet. Qed jingħalqu wkoll l-offerti għal Diorama tal-kosta u mudelli tad-Dgħajjes tas-sajd.

## 52.10 Appuntar ta' First Level Controller fil-proġett Corallo

52.10.1 Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat stimi għall-ħatra ta' First Level Controller għal-proġett Corallo.

## 52.11 Ħruġ ta' offerti u evalwazzjoni tagħhom

52.11.1 Rigward l-offerta tal-attivita' Echoes by the Sea ntefgħet offerta waħda biss għall-prezz ta' €45,000 meta l-budget kien €25,000 b'hekk jagħmel l-offerta non compliant. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa joħroġ l-offerta u jibbażaha fuq attivitajiet ta' ġurnata waħda biss.

## 52.12 Laqgħa dwar il-proġett fil-Forti Chambray

52.12.1 Preżenti għall-laqgħa attendew il-Perit Antoine Zammit, l-Inginier Simon Zammit u l-Izviluppatur il-ġdid ta' Forti Chambray Francesco Grima fejn ġie diskuss il-proġett tat-tielet u raba fażi tal-Forti Chambray. Is-Sindku Kevin Cauchi rringrazzjahom talli ltaqgħu magħna sabiex jiddiskutu l-proġett qabel ma jsir. Il-Perit Zammit ta spjegazzjoni dettaljata bil-pjanti tal-proġett li ser ikun jinkludi lukanda, commercial establishments u kumplament tar-residenzi. Ġiet spjegata l-mappa fejn hemm l-iżvilupp estintenti u dak propost mill-iżviluppaturi l-ġodda. Il-Kunsill enfasiżża dwar il-bżonn tar-restawr tas-swar u aċċess tal-pubbliku. Fuq dawn iż-żewġ punti l-iżviluppaturi kkonfermaw li diġa għaddej pjan biex jinbdewa ir-restawr tal-istess swar inkluż l-provlista u anke intwerew pjanti ta' kif se jkun hemm aċċesss għal pubbliku. Il-Kunsill laqgħa b'mod pożżittiv l-fatt li l-area tad-ditch ser tiġi embellished wkoll spazju miftuħ u dan se jinkludi network ta' spazji miftuha li jgħaqqdu lill-binjiet storiċi flimkien u jkunu aċċessibli għall-pubbliku. Il-proġett ser ikun qed jiġġenera 2980metri kwadri ta' open spaces.

52.12.2 Is-Sindku spjega kif li l-fatt li se jiġu restawrati s-swar f'dan il-proġett hija aħbar pożittiva ħafna. Il-fatt li noħolqu spazji ġodda għall-pubbliku u jkollna aktar opportunita ta' impjieg huma aspetti pożittivi wkoll. Huwa spjega li kunċett ta' 'playscaping' li huwa tant mehtieg għal Għawdex u l-familji tiegħu u nsista fuq rispett sħiħ lejn il-policies u l-ambjent. Il-Kunsill innota wkoll b'mod pożżittiv l-fatt li l-għoli ġenerali tal-bini se jonqos u se jiżdied b'mod sostanzjali l-urban greening u tħaddir fi' żdan l-istess proġett. Il-zviluppaturi se jkunu qed jżommu kuntatt kontinwu mal-Kunsill dwar dan kollu li se jkun qed isir f'din il-fortizza.

**52.13 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

52.13.1 Ġiet preżentata l-iskeda numru 123 u ġiet approvata.

**52.14 Materji oħra**

52.14.1 Prezenti għal-laqgħa attendew ukoll is-Sur u s-Sinjura Paul Zerafa tar-RUST fejn prezentaw lill-Kunsill kopja tal-pubblikazzjoni tal-aħħar tlett snin attivitajiet mit-twaqqif tal-Għaqda u ġew diskussi wkoll l-attivita' tal-BMX tas-sajt u Festa Roti 2024.

**52.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

52.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 13 ta' Lulju 2023 fl-4:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**